

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-13 ta' Ġunju 2012 — Insula vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-366/09) <sup>(1)</sup>

("Klawżola ta' arbitraġġ — Kuntratti ta' finanzjament ta' proġetti ta' riċerka u ta' żvilupp — Kuntratti Ecres, El Hierro, Islands 2010, Opel I, Opel II, Opel Ola, Respire, Sustainable Communities u Virtual Campus — Assenza ta' dokumenti ta' sostenn u nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet kuntrattwali fir-rigward ta' parti mill-ispejjeż iddiċċjarati — Rimbors ta' somom antiċipati jew imħallsa — Inammissibbiltà parżjali tar-rikors — Kontrolba tal-Kummissjoni")

(2012/C 217/34)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Conseil scientifique international pour le développement des îles (Insula) (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: J.-D. Simonet u P. Marsal, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: iniżjalment A.-M. Rouchaud-Joët u F. Mirza, sussegwentement A.-M. Rouchaud-Joët u D. Calciu, aġenti, assistiti minn L. Defalque u S. Woog, avukati)

**Suġġett**

Talba intiża sabiex, fuq il-bażi tal-Artikolu 238 KE, il-Qorti Ĝeneralni tiddikjara, minn naħa, bħala infondat kreditu tal-Kummissjoni ta' EUR 114 996,82 u, min-naħħa l-oħra, bħala fondat il-kreditu tal-Kummissjoni ta' EUR 253 617,83, u sabiex tikkundanna lill-Kummissjoni tagħti bħala kumpens, is-somma prinċipali ta' EUR 146 261,06 u s-somma sussidjarja ta' EUR 573 273,42.

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors ippreżentat mill-Conseil scientifique international pour le développement des îles (Insula) huwa miċħud.
- (2) Insula huwa kkundannat jagħti lill-Kummissjoni Ewropea s-somma prinċipali ta' EUR 146 261,06, miżjud bl-interessi moratorji bir-rata ta' 2,5 % fis-sena, li jibdew jiddekorru mis-16 ta' Awwissu 2009 u sal-ħlas sħiħ tal-imsemmija somma prinċipali.
- (3) Insula huwa kkundannat jagħti lill-Kummissjoni Ewropea s-somma prinċipali ta' EUR 253 617,83, miżjud bl-interessi moratorji bir-rata ta' 2,5 % fis-sena, li jibdew jiddekorru mit-8 ta' Settembru 2009 u sal-ħlas sħiħ tal-imsemmja somma prinċipali.
- (4) Il-kumplament tat-talba rikonvenzjonali tal-Kummissjoni huwa miċħud.
- (5) Insula għandu jbatis l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU C 282, 21.11.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-14 ta' Ġunju 2012 — Vereniging Milieudefensie u Stichting Stop Luchtverontreiniging Utrecht vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-396/09) <sup>(1)</sup>

("Ambjent — Regolament (KE) Nru 1367/2006 — Obbligu tal-Istati Membri li jħarsu u jtejbu l-kwalità tal-arja fl-ambjent — Deroga temporanja mogħtiġa lil Stat Membru — Talba għal eżami intern mill-ġdid — Rifut — Miżura ta' portata individwali — Validità — Konvenzioni ta' Aarhus")

(2012/C 217/35)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Vereniging Milieudefensie (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi); u Stichting Stop Luchtverontreiniging Utrecht (Utrecht, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: A. van den Biesen, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment P. Oliver, W. Roels u A. Alcover San Pedro, sussegwentement P. Oliver, A. Alcover San Pedro u E. Manhaeve, u finalment P. Oliver, A. Alcover San Pedro u B. Burggraaf, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: C. Wissels, Y. de Vries, J. Langer u M. de Ree, aġenti); Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: inizjalment L. Visaggio u A. Baas, sussegwentement L. Visaggio u G. Corstens, aġenti); u il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Moore u F. Naert, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 6121, tat-28 ta' Lulju 2009, li tiċħad bħala inammissibbi t-talba tar-rikorreni għal eżami intern mill-ġdid mill-Kummissjoni tad-deċiżjoni tagħha C(2009) 2560 finali, tas-7 ta' April 2009, li tagħti lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi deroga temporanja mill-obbligi previsti mid-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Mejju 2008, dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, p. 1).

**Dispożittiv**

- (1) Id-Deċiżjoni C(2009) 6121 tal-Kummissjoni, tat-28 ta' Lulju 2009, hija annullata.
- (2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tħalli, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti minn Vereniging Milieudefensie u Stichting Stop Luchtverontreiniging Utrecht, inklużi dawk tal-proċeduri għal miżuri provviżorji.
- (3) Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠU C 297, 05.12.2009.